**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Mejju 2020**

**Rikors nru: 181/2017 AGV**

**A sive BC (697062M), f' isem u fl-interess ta' binha minuri DEC.**

**Vs**

**FG li permezz tad-digriet datat 30 ta' Ottubru, 2017 gie nominat bhala kuratur sabiex jirrapprezenta l-eredita' gjacenti ta' HG b'digriet datat 1 ta' Frar, 2018 gew msejjha fil-kawza, IJ, KG, LM, NG, OP, QR, SG, TU, VW, XG u YG u permezz tad-digriet datat 13 ta' Frar, 2018, il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawza ta' ZC.**

**U**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' A sive BC datat 31 ta' Lulju 2017, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi l-esponenti nomine kellha relazzjoni intima mad-defunt HG minn liema relazzjoni twieldet tarbija li nghata l-isem ta' DE li llum il-gurnata ghandu tlettax-il sena;

2. Illi peress li l-minuri twieled waqt li r-rikorrenti ommu kienet legalment mizzewwga, fuq ic-certifikat tat-twelid, ir-rikorrenti gie indikat ir-ragel tar-rikorrenti omm il-minuri u mhux il-missier propju ossija l-mejjet HG;

3. Illi ghalhekk waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza, ser jirrizulta li l-missier naturali u bijologiku tal-minuri huwa l-imsemmi defunt HG;

4. Illi HG, kien ghazeb u kif jirrizulta mic-certifkat anness u mmarkat Dok A miet nhar is-sbatax ta' April 2017 u kif ser jirrizulta mil-kopja tar-ricerki testamentarji hawn annessi u mmarkati bhala Dok B u C, rispettivament;

5. Illi tenur tal-Artikolu 809 tal-Kap. 16, tal-ligijiet ta' Malta, una volta stabbilit illi l-minuri DE huwa wild naturali tad-defunt HG, l-eredita' tad-defunt HG, tkun tispetta lil istess minuri, bhala l-eredi tieghu;

6. Illi r-rikorrenti nomine ghandha interess illi l-minuri jigi registrat bhala l-wild naturali ta' HG, u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri.

Ighidu ghalhekk, il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi DE huwa l-wild naturali u bijologiku ta’ HG, okkorendo n-nomina ta’ esperti medici biex isiru t-testijiet kollha necessarji u opportuni;

2. Tiddikjara li HG, huwa ghal finijiet u effetti kollha l-missier naturali tal-minri DE;

3. Tiddikjara illi l-minuri DE huwa eredi tad-defunt HG;

4. Tordna l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjoni kollha mehtiega fl-att tat-twelid bin-numru tar-registrazzjoni 3253/2003, inkluz billi fl-istess att jitnehhew il-kliem ZC, fil-kolonna ta’ isem il-missier tat-tarbija u minflok jidhlu l-kliem, HG.

5. Tordna l-konvenut Direttur tar-Registru Publiku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-att tat-twelid bin-numru ta’ iskrizzjoni 3253/2003, inkluz att il-minuri minflok jibqa’ jissejjah bhala DEC, jibda’ jissejjah bhala DE G C;

6. Tordna lil istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jippubblika l-att tat-twelid, iehor kif hekk korrett;

Bl-ispejjez inkluz dawn tal-mandat ta ‘ Inibizzjoni numru 188/2017, u b’ hekk il-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ta' FG (ID 1022448(M), IJ (ID 0762047(M)), KG (ID 166844(M)), LM (ID 0363945(M)), NG (ID 782452(M)), OP (ID 0463256(M)), QR (ID 0014459(M)) SG (ID 421254(M)), TU (ID 0393061(M)), VW (ID 470655(M)), XG (ID 61963(M)) u YG (ID 115950(M)) a nom u in rapprezentanza tal-eredita` gjacenti ta' huhom HG, datata 27 ta' Ottubru 2017;

1. Illi, fl-ewwel lok u preliminarjament, l-esponenti jiddikjaraw illi permezz ta' nota kontestwali huma accettaw il-bandu sabiex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta' huhom HG f'din il-kawza u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti u kwindi, konsegwentement ghall-istess, ghandha ssir id-debita korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza sabiex jigu inkluzi l-esponenti in rapprezentanza tal-eredita` gjacenti ta' huhom HG.

2. Illi fit-tieni lok u preliminarjament ukoll l-azzjoni odjerna hija nulla a tenur tal-art. 77B tal-**Kodici Civili** (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u dana stante li, minkejja dak sottomess mill-istess attrici u cioe` li "*peress illi minuri twieled waqt illi r-rikorrenti ommu kienet legalment mizzewga, fuq ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti gie indikat ir-ragel tar-rikorrenti omm il-minuri*", l-azzjoni odjerna ma saritx ukoll fil-konfront tar-ragel tal-istess attrici kif mehtieg mill-istess artikolu surreferit. Perdipiu` ma jirrizultax li saret talba mill-attrici a tenur tal-art. 77C tal-**Kodici Civili** (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. Illi, fit-tielet lok preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-surreferit, jinghad bl-akbar rispett li dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-kompetenza necessarja sabiex tiddetermina u tiddeciedi it-tielet talba attrici u dana peress li tali talba tirreferi ghal dikjarazzjoni li l-minuri huwa eredi tad-defunt HG, materja din ta' indoli strettament civili li certament

ma taqax fil-kompetenza moghtija lil dina l-Onorabbli Qorti f'din is-Sezzjoni a tenur tal-ligi senjatament ir-regolament 4 tal-**L.S. 12.19** u r-regolament 4 tal-Iskeda ghal-**L.S. 12.20**. Konsegwentement, in kwantu azzjoni koncernanti l-filjazzjoni tal-minuri, l-azzjoni odjerna tista' twassal biss ghall-konferma o meno tal-paternita` tal-minuri u mhux ukoll ghal xi decizjoni fir-rigward tal-eredita` tad-*decuius*.

4. Illi, *dato ma non concesso*, dak li jinghad fl-istess rikors mahluf lanqas ma tista' dina l-Onorabbli Qorti tilqa' l-hames talba attrici ghal-korrezzjoni tal-isem tal-minuri minn 'DEC ghal 'DE G C' u dana ghaliex jirrizulta li l-kunjom 'C' huwa derivanti mill-fatt illi l-istess minuri jinsab rikonoxxut bhala iben mart l-attrici u kwindi dak li qed titlob l-attrici huwa li l-minuri jkollu issa zewg kunjomijiet, wiehed li jirreferi ghal zewgha u iehor li jirreferi ghad-*decuius*; talba din ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt, senjatament a tenur tal-proviso tal-art. 77C tal-**Kodici Civili** (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u li kwindi certament ma tistax tigi akkolta.

5. Illi, interament minghajr pregudizzju ghas-surreferit u fir-rigward tal-mertu tal-kawza, jinghad illi l-azzjoni odjerna hija semplici tentattiv da parti tal-attrici li tuzurpa l-wirt li l-esponenti jircievu minghand huhom billi tipprova issa u cioe` tlettax-il sena wara li welldet lil binha, tbiddel il-paternita` tal-istess minuri li twieled fiz-zwieg u dejjem irrikonoxxa lir-ragel tal-attrici bhala missieru u li r-ragel tal-attrici dejjem irrikonoxxa lill-minuri bhala ibnu. F'azzjoni bhal din, dina l-Onorabbli Qorti ghandha zzomm dejjem quddiem ghajnejha l-ahjar interess tal-minuri u l-konsegwenzi ferm serji li tali azzjoni ghandha jew jista' jkollha fuq il-hajja tal-istess minuri oltre dak li jinsab provdut a tenur tal-art. 80 u 81 tal-**Kodici Civili** (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), senjatament is-subinciz (2) tal-art. 81 li jipprovdi espressament li "(…) *ħadd ma jista' jattakka l-istat*

*ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.*"

6. Illi fi kwalunkwe kaz u interament minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici ma jistghux u m'ghandhomx jigu milqughin fin-nuqqas ta' testijiet inkluzi testijiet tad-DNA li jkunu konklussivi f'dan ir-rigward u li jindikaw bl-aktar mod car li d-*decuius* huwa effettivament missier il-minuri 'de quo', dan tenut kont tal-fatt li fil-kaz in ezami l-allegat missier gie nieqes diversi xhur ilu u kwindi ma jistax joffri d-difiza tieghu ghall-azzjoni odjerna.

7. Ili fi kwalunkwe kaz l-esponenti m' ghandhomx isofru l-ispejjez ta' din il-kawza u dana ghaliex l-attrici setghet hadet l-azzjoni odjerna ferm qabel illum, direttament kontra d-decuius u qabel dan jigi nieqes, u kwindi r-rwol taghhom illum huwa limitat ghar-rapprezentenza tal-eredita` gjacenti ta' huhom kif inghad. Fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna m'hijiex attribwibbli ghal xi agir jew nuqqas da parti tal-esponenti.

8. Illi l-eccezzjonijiet odjerni qeghdin jittressqu interament minghajr ebda pregudizzju ghal xulxin.

9. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku datata 20 ta' Dicembru 2017;

1. Illi in linea preliminari, l-attrici naqqset milli tindika ai termini ta' liema artikolu qed issejjes il-proceduri odjerni taghha. Ghaldaqstant, ikun ta' beneficcju jekk l-attrici taghmel dan, filwaqt li l-esponent jirrizerva, bil-permess gentili ta' din l-Onorabbli Qorti, id-dritt tieghu li jissolleva eccezzjonijiet ulterjuri u dan jekk dejjem ikun il-kaz;

2. Illi bla hsara ghas-suespost, u stante l-fatt li l-minuri in kwistjoni gie mnissel u mwieled fiz-zwieg, l-esponenti teccepixxi illi f' kaz li din l-azzjoni, qed issir abbazi tal-Artikolu 77 B tal-Kodici Civili, jidher li l-procedura stabbilita ma gietx segwita f'dawn il-proceduri. Dan ghaliex il-Ligi tistipula li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata ukoll, mill-genituri li wiled permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti ***kontra l-konjugi l-iehor, il-genitur naturali u l-wild imwieled fiz-zwieg*** (enfasi tal-esponenti);

3. Illi bla hsara ghal premess , u in linea preliminari, ukoll ghal inqas mill-atti li gew notifikati lil esponenti, jidher li hemm nieqsa l-awtorizazzjoni mehtiega ai termini tal-artikolu 77 C tal-Kodici Civili, u dan ghaliex it-terminu stabbilit mil-ligi, ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f' liema perjodu, il-persuna ikkoncernata tkun tista' tipprocedi b' kawza ta' denegata paternita' ai termini tal-Artikolu 77 A jew artikolu 77 B tal-Kodici Civili, ghadda. Ghaldaqstant, f'dan l-istadju ghandu jigi ddikjarat jekk l-attrici gietx awtorizzata minn din il-Qorti, sabiex tipprocedi b'din il-kawza istanti - u fin-nuqqas ta' dan f' gieh l-ekonomija tal-gudizzju, l-attrici ghandha tirregola l-posizzjoni taghha immedjatament;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, l-esponenti tiddikjara hix edotta mill-fatti hekk kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

5. Illi fil-mertu u rigward l-ewwel, it-tieni, ir-raba'  u l-hames u s-sitt talba, l-esponenti tecepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni, ir-rikorrenti primarjament trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri, ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra maritali mad-decujus HG, u barra minn hekk, tipprova xi fatt iehor li jista' ukoll ikunu testijiet gentici u provi genetici, li jeskludu lil zewgha ZC, bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri, u dan ai termini tal-artikolu 77 B  tal-Kap. 16 tal-Ligjijet ta' Malta;
6. Illi fl-istess waqt huwa estramament importanti gialadarba l-minuri ghandu tlettax-il sena, li tigi meghluba l-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, billi adegwatament, u konvincentement jigi muri illi l-pussess ta' stat tal-minuri, ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu;

7. Illi bla hsara ghas-suespost, f' kaz li jintlaqghu it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tistieden lil partijiet ikkoncernati sabiex jigi pprezentati d-dettalji personali tad-decujus HG, permezz ta' nota li tispecifika senjatament; 1. In-numru tal-karta tal-identita', 2. Ismu u kunjomu, 3. L-eta' tieghu meta twieled l-istess minuri, 4. Il-post tat-twelid tieghu, 5. Il-post tar-residenza tieghu meta twieled il-minuri, 6. Isem u kunjom ta' missieru, u jekk l-imsemmi missier patern kien ghadu haj meta twieled l-minuri. Tali informazzjoni , hija mehtiega biex tigi inserita fl-att tat-twelid tal-minuri;

8. Illi bla pregudizzju ghal premess f' kaz li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b' mod definitiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri  a tenur tal-Artikolu 92 tal-kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi bla hsara ghal premess u fir-rigward tat-tielet talba, fejn l-attrici qed titlob lil din il-Qorti, sabiex tiddikjara illi l-minuri DE, huwa eredi tal-defunt HG , l-esponent hija tal-umli fehma illi din l-Qorti ma hiex il-forum kompetenti, fejn jigi dikjarat dak fuq citat. L-esponenti temmen illi l-mument li l-paternita ta' DEC, tigi stabbilita u fl-eventwalita', li jirrizulta li l-mejjet HG, huwa verament il-missier bijolgiku tal-minuri, jkun ghaldaqstant, f' dak il-mument *ipso jure*, li l-minuri huwa l-eredi td-decujus HG u dan minghajr il-bzonn li taghmel dikjarazzjoni ta' dan it-tip din l-Onorabbli Qorti;

10. Illi l-esponenti tinnota li l-unika cirkostanza, fejn din l-istess Qorti, tista' tghaddi sabiex taghti direzzjoni fis-sentenzi u / jew digrieti taghha rigward eredita' huwa biss fir-rigward tal-artikolu 137 tal-Kodici Civili li jitratta propju l-accettazzjoni ta' wirt ghan-nom tal-minuri ( enfasi tal-esponenti)- liema disposizzjoni tal-Ligi mhux mertu tal-proceduri istanti;

11. Illi ghaldaqstant, fir-rigward tal-ewwel, it-tieni , ir-raba', il-hames u s-sitt talba, l-esponent tirrimetti ruhha ghall-ghaqal u s-savju gudizzju ta' din l-Qorti, u dan kif jidrilha xieraq u opportun. Filwaqt li fir-rigward tat-tielet talba, l-esponent hija tal-fehma illi din it-talba ma timmeritax li tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti, u dan stante li l-istess Qorti ma hix tal-forum kompetenti sabiex tiddikjara illi l-minuri DE huwa eredi tad-defunt HG;

12. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhux attriwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent, kwindi hija ma ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza istanti;

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' ZC li eccepixxa illi:-

1. Illi huwa qieghed jaqbel mat-talbiet ta' A sive B C.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici li r-rikors huwa msejjes ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap.16.[1]

**FATTI**

1. L-attrici tikkonferma li kellha l-minuri D, minn relazzjoni li kellha ma' HG, illum mejjet. Tghid li l-familjari tad-decujus HG saru jafu dwar il-minuri cirka ghaxar snin ilu. Kienet tiehu l-minuri maghha biex jara lil missieru, darbtejn, tlett darbiet fil-gimgha u dan mit-twelid sakemm miet missieru.

   L-attrici kienet baqghet mar-ragel taghha ZC, li kien ihobb lill-minuri bhala ibnu. Kienu baqghu flimkien u kellhom erbat itfal ohra, illum ilkoll maggorenni. Dawn saru jafu li kellhom huhom li twieled minn relazzjoni ohra, cirka ghaxar snin ilu. Pero' tghid li kienu jissusspettaw li kellha relazzjoni.

[1] Ara verbal a fol. 49 tal-process.

Minkejja li l-minuri kien dejjem konsapevoli minn hu missieru, pero' ma kienux ghamlu t-testijiet tad-DNA. Kellha c-certezza ghax dak iz-zmien kienet 'l boghod minn zewgha fir-relazzjonijiet intimi.

Minkejja li d-decujus HG, minn dejjem kien jaf li D kien ibnu, qatt ma tkellmu fuq d-drittijiet tieghu. Missieru kien jaghtih il-flus, kien jixtrilu l-hwejjeg u kien anke xtralu rota. Ma kienx jaf jikteb u allura ma kienx itih kartolini.

Apparti t-tfal taghha, l-attrici tispjega li hutha kienu jafu ukoll li D kien bin HG. li kien guvni. Kienu jiltaqghu mat-tifel ukoll hut HG. Qabel ma miet, kienu jmorru jzuruh ir-razzett u kien ikun hemm uhud minn hutu, bhal S, F, T u Q, L u X u anke N, kienu jkunu hemm. Kienet saret tafhom tramite HG.

Decizjonijiet rigward l-iskola, tispjega li kienet tehodom hi u li l-minuri D kien isejjah kemm lil missieru, kif ukoll ir-ragel tal-attrici "Daddy." Tinnega li HG qatt ma kien ighid man-nies li kellu tifel, anzi ma' hutu bhal Y, V u L, kien ighid li D kien ibnu.

Tispjega li zewgha kien jaf li kellha relazzjoni ma' HG izda ma kinux jiggieldu fuq il-kwistjoni, ghax dejjem riedu l-kwiet u l-ghaqda minhabba l-familja. Tghid li ma kinitx taf dwar il-gid ta' G. Izzid tghid li hi u zewgha kienu jhallsu ghall-bzonnijiet tat-tifel D. Tghid li l-genituri taghha ma kinux jafu peress li kienu ilhom mejtin zmien twil. Ghall-iskola u ghall-girien, peress li ma kienet titkellem ma' hadd, kienu taht l-impressjoni, li l-minuri kien wild taghha u ta' zewgha.

2. ZC, ir-ragel tal-attrici jikkonferma li kien jahdem bhala watchman gewwa skola f'Santa Lucia. Jikkonferma li kien jaf lil HG ghax kienu hbieb peress li kellhom l-istess passatemp taz-zwiemel.

   Jispjega li l-attrici kienet qaltlu li kellha relazzjoni ma' haddiehor u mill-ewwel li kienet qed tistenna tarbija minghand HG . Jametti li fil-bidu kien inqala' ftit inkwiet, izda mbaghad kollox waqa' f'postu u ma riedx ifarrak familja, peress li kellhom erbat itfal ohra. Jikkonferma li mhux it-tip li joqghod ilablab u kien ghalhekk li ma kien tkellem ma' hadd. Rabbieh mal-bqija ta' uliedu.

   Ighid li qatt ma kkontesta l-fatt li t-tifel ma kienx ta' HG. Kien joqghod fuq il-kelma ta' martu u ukoll peress li kien watchman, kien hemm tlett darbiet, fejn ma kienx jorqod id-dar. L-attrici kellha hanut tal-grocer u kienet tiftah f'xi sebgha ta' filghodu, waqt li kien ghadu x-xoghol. Ighid li tul dan iz-zmien li harget tqila, ma kellhomx problemi bejniethom.

   Dwar dina l-kawza, ighid li ma kienx cert x'kienet tirrigwarda u haseb ghal xi testament u kunjom. Jikkonferma li ma kienx ghamel it-testijiet tad-DNA u kien emmen lil martu peress li kienet qaltlu li kellha relazzjoni u ma tantx kellha relazzjonijiet intimi mieghu, peress li kellha t-tfal fuq xulxin, Jikkonferma ukoll li ma kienx tkellem ma' HG, kienu jitkellmu biss fuq il-bhejjem, izda wara li sar jaf li kellu relazzjoni mal-attrici, ma tantx kien ikellmu kif kienu jitkellmu qabel.

   Illum peress li minn dejjem rabba lill-minuri D iqisu bhala ibnu, ma kellu ebda interess li jwarrbu. Ma cahadx li l-kawza saret sabiex il-minuri jkun werriet tad-decujus HG,  ghax huwa missieru wara kollox. Ighid li ma kienx jaf x'proprjetajiet kellu lanqas.

Ighid li ma kienx jaf dwar il-kawza u kien ircieva l-karti bil-posta u wara kien tkellem mal-attrici u ddecidew li jmorru jiehdu parir minghand l-avukat.

3. Dr. Marisa Cassar, ikkonfermat li mill-kampjuni orali li gabret minn ABC, DEC u ZC, gie kkonfermat li dan tal-ahhar mhux il-missier naturali ta' DEC u dan kollu huwa kkonfermat fir-rapport PT 1801197.[2]

4. 12 C, bint l-attrici, tghid li meta kellha hdax-il sena, ommha kienet infurmataha, fil-presenza ta' ohtha 34, li huha DE kien bin HG, li hi kienet taf bhala habib tal-genituri taghha. Tikkonferma li hutha kollha kienu jafu. Kienet tarah jitkellem hafna ma' missierha. Tispjega li ghall-bidu ma setghetx tifhem x'riedet tghid biha, izda meta kibret ftit iehor, kienet tinduna li huha D, kien jirreferi ghal H bhala "daddy, " u kien jifrah meta jtih xi flus, jew jixtrilu xi hwejjeg u meta kien xtralu rota ghall-gheluq sninu, izda kien isejjah lill-konvenut ZC bhala "daddy" ukoll, ghax minn dejjem ha hsiebu. Kienet titkellem fuq dina l-kwistjoni ma' missierha ukoll, ghax ghandha relazzjoni tajba hafna mieghu. Ikkonfermat ukoll li kienet l-attrici li kienet tkellmet ma' missierha.

   Tkompli tghid li l-attrici kemm il-darba hadet lil D ghand H u kient tghidilhom  u gieli anke hadet lit-tfal ta' 34, li tigi ohtha, 56 u 78 bl-intenzjoni biex dejjem ikollu bond ma' missieru naturali. Kienu anke jaghmluli l-kartolini ta' Father's Day u kienu jghinuh jiktibhom.

[2] Ara fol. 86 tal-process.

Tghid li kien hemm xi zmien wara, fejn missieru ma baqax daqshekk hbieb ma' HG, u ma baqghux imorru meta kienu jkunu mistednin l-ghalqa ta' hu H, 9.

Kienet certu 10, in-neputija ta' HG, li kienet cemplet lill-attrici biex tinfurmaha li zijuha kien miet. Kien sar xi diskors, ghalfejn fis-santa ma kinux inkludew lil D, meta kollha kienu jafu li kien bin H.

Ix-xhud tispjega li hija ghandha hanut "Djamant Store, " is-Siggiewi u ftit gimghat wara li miet H, kien mar ikellimha negozjant sabiex isaqsiha biex tbieghlu l-proprjeta' ta'H li kien jinsab ghall-bejgh.

Wara saret taf li kienet infethet il-kawza sabiex HG jigi ddikjarat bhala l-missier naturali ta' DE, haga li minn dejjem kien jitlob lill-attrici taghmel. Madanakollu, tishaq li l-konvenut missierha, dejjem ittratta lill-familja tajjeb u anke lil DE, minkejja li kien jaf li ma kienx ibnu. Tikkonferma ukoll li r-relazzjoni bejn il-genituri taghha baqqghet l-istess, ghax missierha dejjem kien jistmaghhom tajjeb.

Dina l-verzjoni hija kkorroborata minn bint l-attrici 34 C.

5. SG, hu l-mejjet HG, ighid li kellhom relazzjoni tajba hafna bejniethom u kien ighaddi l-hin hdejh ir-razzett jew ighaddilu xi prodotti. Jinnega li jaf lill-attrici jew li huh qatt semma' li ghandu tifel, minn dejjem jafu guvni.

Jinnega li kien hemm party ghall-gheluq snin H u li kien hemm dizgwid peress l-isem tal-minuri D ma kienx tnizzel fuq is-santa, wara l-mewt ta' HG.

Jichad li meta kien ikun l-isptar kien raha l-attrici u lil binha. Ighid ukoll li ma kienx jaf dwar xi argument fuq is-santa, wara l-mewt ta’ HG. Lanqas ma kien prezenti, meta l-attrici marret tpoggi sponza ma’ halq H.

Dwar dawn il-proceduri, tghid li kienet saret taf bihom minghand huha F.

6. NG jikkonferma li kien hu li kien ha lill-mejjet l-isptar. Ighid li qatt ma kien raha l-attrici fl-inhawi. Jinnega li tah xi flus lil D u ma kien jaf xejn aktar minn hekk.

7. KG. ighid li ma kienx jaf dwar xi dizgwid fuq xi santa, wara li miet il-konvenut.

LM, VW, OP, KG, IJ, TU, NG,  QR, oht HG kollha kkonfermaw l-istess verzjoni. LM ziedet tghid biss li l-attrici kienet tafha biss minn wiccha u kienet taf li kellha hanut is-Siggiewi.

QR ziedet tghid li kienet tiftakar li gurnata qabel ma miet kien hemm mara hdejh, izda kellu hafna hbieb, partikolarment minn Bormla u ghalhekk ma saqsietx min kienet. L-istess ikkonfermat TU.

8. FG, hu HG jispjega li kellu relazzjoni tajba ma’ huh. Kienu jitlaqghu xi darba fil-gimgha u jkunu jmorru ghand xulxin. Jichad li huh kien qatt qallu li kellu relazzjoni ma’ mara u li kellu tifel minn ghandha.

Izid jghid li huhom 9 ma tantx kellu relazzjoni tajba ma’ H u jinnega li kien imur jiekol ghand 9.  Meta kien baqa’ jghid kontra huh, anke wara li miet, kien qatgha l-komunikazzjoni mieghu.

Ighid li kien raha lill-attrici darba l-isptar meta huh kien marid u kien hemm it-tifel taghha, pero' jghid li ma kienx jafha qabel dawn il-proceduri. Meta kienu l-isptar ighid li ma kinux tkellmu mieghu. In kontro-ezami, jghid li meta huh kien vicin il-mewt, kien hdejn xuftejh, u l-attrici marret biex taghmel sponza ma' halqu u kien imbuttaha 'l hemm.

Jispjega li l-inkwiet inqala' meta gew biex jirtu lil huhom HG. Meta gew biex jifthu l-wirt, l-attrici kienet tfaccat biex tghid li H kien missier it-tifel taghha u minhabba li nfethet dina l-kawza, mhumiex f'posizzjoni li jaqsmu l-wirt.

Jinsisti li l-minuri dejjem trabba mir-ragel tal-attrici u ma kienx hemm differenza fil-mod kif kien jittratta lil uliedu. Ikkonferma pero' li hu l-attrici kien joqghod ma' 9 u kien jaf lil missierha peress li kien mis-Siggiewi. Zied ighid ukoll li l-attrici ma talbitx permess minghandhom sabiex tiftah il-kawza,

Ix-xhud jichad li meta hutu kienu organizzaw party ghall-birthday ta' huhom H u dan kien fid-19 ta' Marzu, 2017, kien inqala' xi dizgwid peress li H kien irrabja peress li ma kinux stiednu lill-attrici. Ighid li ma kienx hemm dakinhar. Jichad ukoll li kien ikun ir-razzett ta' H spiss u kien jahrat l-ghalqa u gieli ltaqa' mal-attrici. Jinnega ukoll li meta l-attrici kienet tmur izur lil H kien jaghmlilhom l-ghassa. Jinsisti li kien raha darba biss l-isptar u mhux ghax kien gharrafha peress li ma kienx jafha, izda min kien l-isptar kien jafha u qal li kienet mill-Imqabba u kienet oht 11, li kien ikun ma' huh 9.

Jichad li ohtu T kienet infurmatu li kien hemm xi dizgwid mal-attrici peress li ma kinux nizlu l-isem tat-tifel fuq is-Santa. Ippreciza li ma kienx rah l-attrici l-funeral anqas.

Jispjega li ma tantx kellu relazzjoni tajba ma' hutu, kien ighidilhom sahha u bongu u meta rcieva l-kawza li pprezentat l-attrici kien mar ghand l-avukat biex jiehu parir.

Ikkonferma li H kellu zewgt izwiemel u wiehed minnhom kien insteraq. Ma kienx jaf jiddeskrivi l-post fejn kien ighix huh, ghax kien imur biss sal-ghalqa u sal-garaxx.

5. IJ, oht il-mejjet HG, tghid li ma kinitx hemm meta l-attrici marret tipprova taghmel sponza ma' wicc G. Tichad ukoll li kien inqala' xi dizgwid mal-attrici peress li ma kienx tnizzel isem il-minuri fuq is-santa.

Tispjega li ma tiltaqax ma' hutha regolarment u ghalhekk ma kinux jitkellmu fuq dawn l-affarijiet, pero' gieli kienu jkunu uhud mill-ahwa r-razzett ta' missierhom. Tghid li ma kinitx prezenti meta hutha kienu organizzaw birthday party ghall-huhom peress li kien qed imut. Tippreciza li qatt ma kienet rat xi kartolina mibghuta lil huha mit-tifel tal-attrici.

Tichad li ohtha T kienet tghannaq u tbus lil D, bin l-attrici u tinsisti li meta rceviet il-karti mill-Qorti ma kinitx tkellmet ma' hutha.

9. QR, oht HG, tinsisti li kienet rat l-attrici biss gurnata qabel ma miet huha. Kienet kellmitha biss ghax staqsietha jekk huha kienx ser imur, Kienet ilha tmur ghal gimgha shiha, izda tinsisti li qatt ma kienet rat lill-attrici hemmhekk, hlief dik il-darba.

Tikkonferma li meta huha ghalaq sninu, kienet ghamlitlu kejk u kienu marru hi, ir-ragel taghha u uliedhom biex jiccelebraw din l-okkazzjoni. Tinnega li huha kien iggiled maghha peress li ma kinitx stiednet lill-attrici.

Tistqarr  li minn mindu miet huha ma kinitx marret fil-post tieghu. Tghid ukoll li meta kienet rat lill-attrici l-isptar, ma kinitx rat il-minuri D.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dina l-Qorti ghandha diversi eccezzjonijiet preliminari li gew quddiemha u ghandhom jigu decizi minnha, uhud gew issorvolati fil-mori tal-proceduri, pero' dawk li fadal, huma tali li decizjoni fuq wahda tiddetermina lil ohra u ghaldaqstant ser tiddeciedi l-ewwel fuq dik l-eccezzjoni preliminarji li hija detrimentali ghall-bqija tal-andament tal-kawza.

**Awtorizzazzjoni taht l-artikolu 77C u l-artikolu 81 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta**

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa l-irritwalita' u n-nullita' tal-kawza, stante li ma gewx osservati l-proceduri kkontemplati taht l-Artikolu 77C tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress li skadew is-sitt xhur minn meta twieled it-tifel u kellha tintalb a priori awtorizzazzjoni sabiex tinfetah dina l-kawza.

L-attrici titlob li dina l-eccezzjoni tigi respinta in vista tal-fatt, li pprezentat provi li juru li l-minuri DE, mhux wild zewgha ZC, minkejja li dejjem rabbih hu. Issostni li l-provi taghha gew issostanzjati bid-dikjarazzjoni ta'

Dr. Marisa Cassar li zammet it-testijiet genetici fuqha, fuq zewgha u l-minuri DE.

L-attrici ghamlet referenza ghall-kaz **Michelle Vella pro.et. noe. vs Mario Vella**[3] fejn il-fatti kienu simili hafna, pero' ghad-differenza ta' dina l-kawza, fejn il-Qorti qiedgha tiddeciedi biss fuq l-eccezzjonijiet preliminari, il-Qorti fil-kawza odjerna kienet qed tippronunzja ruhha ukoll fuq il-mertu. Ghalhekk, wiehed jista' jifhem ir-ragunar tal-Qorti li wasslet biex tesprima ruhha b'dan il-mod:-

***"izda mill-kumpless tal-provi mressqa ma hemmx dubju illi l-istat tal-minuri ma jaqbilx mal-kontenut tac-certifikat tat-twelid tieghu u ghalhekk jekk il-Qorti tipprosegwi ghas-sentenza fuq il-provi migjuba mhux ser jigi lez xi dritt ta' xi hadd mill-partijiet. Ghal kuntrarju ser jigu evitati spejjes doppji u kawza ohra li immankabilment twassal ghall-istess konkluzzjoni bhal dik odjerna."***

Dina l-Qorti dakinhar kienet marret oltre u kienet irriteniet ukoll illi ***"ghalhekk l-Artikolu 81 tal-Kap 16 li ghaliha ghamel referenza d-Direttur, ma hux ta' ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici."***

L-eredi tal-konvenut decujus HG, jinsistu li l-eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandha tigi milqugha u dan tenut kont tal-fatt li gialadarba l-awtorizzazzjoni taht l-Artikolu 77 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma gietx osservata, peress li kien skada l-perjodu ta' sitt xhur u l-iskop tal-legislatur kien li l-istat ta' tifel imwieled iz-zwieg, ma jigix facilment skussat.

[3] Rik. Nru. 39/2014 deciza 15 ta' Lulju, 2014

L-istess eredi konvenuti ghamlu referenza ghas-sentenza **A [B A] C f'isimiha proprj vs Direttur tar-Registru Pubbliku, et.**[4] fejn il-Qorti qalet hekk:-

***"L-attrici naqset milli tottempera ruhha mal-Artikolu 77C tal-Kap.16 qabel intavolat il-kawza odjerna. Il-kawza giet istitwita meta l-minuri kellu gia' tlett snin. L-attrici ma kellha l-ebda dritt li tintavola dina l-kawza minghajr qabel ma tottjeni l-awtorizzazzjoni tal-Qorti bil-mezz preskritt. Ezaminati l-provvedimenti legali rilevanti l-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi l-hsieb tal-legislatur kien li l-istat ta' tifel imwieled fiz-zwieg ma jigix facilment skussat u rovexxjat. Huwa ghal din ir-raguni illi l-legislatur stipula illi kawzi bhal dik odjerna ma jistghux jigu intavolati jekk qabel ma tintalabx u ma tinghatax l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. L-attrici naqset milli titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti qabel intavolat il-kawza bil-konsegwenza illi l-azzjoni attrici hija rritwali."***

Konsegwentement, f'din il-kawza l-Qorti waslet biex laqghet l-eccezzjoni mressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

L-**Artikolu 77C tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

***"Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77 A u 77 B il-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ, jew il-mara skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni ta' paternità jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel."***

---

[4] Rik. Nru. 88/2011 deciza fit-30 ta' April, 2015

Ir-retroxena taz-zewg kawzi ccitati jittrattaw mertu naqra differenti minn xulxin, filwaqt li t-tnejn qed jitolbu korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' minuri, fil-kawza ccitata mill-attrici kien hemm talba sabiex ragel iehor, mhux zewgt l-attrici, jigi ddikjarat bhala l-missier naturali u biologiku tal-minuri, minn naha l-ohra, it-talba mill-omm kienet sabiex mill-istat ta' legittimita' l-minuri jsir legittimu, bid-dikjarazzjoni fic-certifikat tat-twelid, li huwa bin "missier mhux maghruf" u ghalhekk huwa koncepibbli kif il-Qorti ddecidiet kif iddecidiet.

Fil-kaz odjern, pero', dina l-Qorti qiedgha biss tikkunsidra l-eccezzjonijiet preliminari u lanqas ghadha biss semghet provi dwar il-mertu. Huwa facli ghall-attrici biex tikkonferma li l-minuri mhuwiex bin zewgha, pero' lanqas ghadhom ma gew ordnati t-testijiet genetici fuq il-gisem tal-mejjet HG u ghalhekk f'dan l-istadju ghadha tezisti l-incertezza minn verament huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri u lanqas huwa mertu ta' din is-sentenza f'dan il-punt. Izda li ghandha quddiemha huwa stat ta' legittimita' ta' tifel u talba sabiex l-istat jinbidel ghal wiehed ta' illegitimita'.

Biex l-ebda wild ma jkollux  hajtu mqallba ta' taht fuq, il-legislatur zamm ferm fl-applikazzjonijiet ta' dawn id-disposizzjonijiet delikati tal-ligi. Filfatt, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 77C u ghalhekk l-applikazzjoni tat-terminu tassattiv, huwa primarjament soggett ghall-Artikolu 81 li jikkontempla li hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att ta' twelid bhala iben imnissel, jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta' stat, li jaqbel ma' dak l-att. Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att ta' twelid tieghu.

Fis-sentenza **Vella vs Vella** li ccitat l-attrici, ma tirrizultax kontestazzjoni fuq min kien il-missieru naturali u bijologiku u ghalhekk il-Qorti kienet propensa li tispensa mill-awtorizazzjoni gialdarba t-tibdil ma kienx ser jippregudika l-istat tat-tifel. Fil-kaz odjern il-paternita' hija kkontestata u ghalhekk f'din ir-retroxena, il-Qorti ser ikollha tallontana ruhha mir-ragunar tal-Qorti fil-kaz ta' Vella u torbot fuq l-interpretazzjoni li l-azzjoni a bazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** u cioe' l-presunzjoni legali li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri ikun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma tali att.

Illi fi kliem iehor sabiex tirnexxi l-azzjoni skond **l-artikolu 77,** trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossjedi l-istess stat ta' legittimita'.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond l-Artikolu 80 jirrikjedi diversi fatturi:-

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollolah*;

*(c) illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittimita' tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess hajja tieghu, hekk mizmum fir-realta' socjali bhala iben l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-Cit Nru: 1841/98/ RCP 14 *1 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet* **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. F.G. C. 10 ta' Mejju 1996 inghad li :-

***"Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkommenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan…………." "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolablita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il-matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l-incarnazione della formula solenne 'pater is est quem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e' tanto un dettato dell'antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall'esperienza di molti secoli, si e' attentuato il legistatore patrio, e percio' nell'articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il-matrimonio" - (Diritto Civile Vol. 1 para 49 pag. 76).***

Mir-rizultanzi processwali gie kkonfermat li l-attrici welldet lil minuri DE minn relazzjoni extra-maritali, li accetta zewgha u biex il-familja tieghu tibqa' maghquda baqa' mal-attrici u rabba lill-minuri, daqslikieku kien

wiehed minn uliedu. Mantnih, hallaslu l-ispejjes edukattivi tieghu, kif ukoll it-tifel isejjahlu "daddy." Decizjonijiet dwar l-edukazzjoni tieghu, dwar hajjtu kollha jittiehdu mill-familja tieghu. Ammettew li ma tkellmu ma' hadd, hlief ma' uliedhom u l-attrici tghid li qalet lil hutha, izda ma ressqithomx bhala xhieda u ghalhekk f'ghajnejn kulhadd, il-minuri D huwa wild ZC u l-attrici.

Minn dawn il-provi, ghalhekk, jirrizulta li l-minuri kellu rabta b'sahhitha mal-konvenut ZC u anke ma' hutu. Peress illi l-iskop wara l-Artikolu 77C huwa jekk huwiex fl-interess tal-minuri jew ta' xi wiehed mill-partijiet, jew parti ohra, li jigi attakkat l-istat tal-minuri li gie mnissel fiz-zwieg, ma jistax jinghad li r-rekwiziti taht l-Artikolu 81 gew soddisfatti.

Dan iwassal biex fl-ahjar interess tal-minuri, l-istat tieghu ma jigix disturbat ghal dak li huwa llum u ghaldaqstant, l-istess terminu ta' sitt xhur kif ikkontemplat taht l-Artikolu 77C - li dejjem jibqa' tassattiv - isir irrilevanti gialdarba dina l-kawza ma tistax' treggi jekk id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 81 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jissoprassjedu fuq l-Artikolu 77C u l-presunzjoni legali ghandha tibqa' li hi, li DE huwa bin ZC. Oltre minn hekk, ladarba t-terminu ta' sitt xhur indikat fl-Artikolu 77C skada minghajr ebda intervent guridiku tal-attrici, dik l-eccezzjoni sejra tintlaqa wkoll.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-tielet u s-sitt eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici.

Spejjez a karigu tal-attrici.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**